

## II

(*Atti mhux leġiżlattivi*)

## REGOLAMENTI

### REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/253

tas-6 ta' Frar 2023

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-714/20 <sup>(2)</sup>, jenħtieġ li titħassar entrata waħda mil-lista ta' persuni fiziċċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (3) Għalhekk l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 78, 17.3.2014 p. 6.

<sup>(2)</sup> Sentenza tal-Qorti Ġeneral (Il-Ħames Awla) tas-26 ta' Ottubru 2022, *Dmitry Vladimirovich Ovsyannikov v il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-714/20, ECLI:EU:T:2022:674.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. ROSWALL

---

## ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014, "Lista ta' persuni fiżiki u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 2", taħt l-intestatura "Persuni", titħassar l-entrata li tikkonċerna l-persuna li ġejja:

161. Dmitry Vladimirovich OVSYANNIKOV.

---